



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Mejju 2023
(OR. en)

8994/23

COEST 293
POLCOM 80

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ tan-negożjati għal protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Każakistan li jemenda l-Ftehim lmsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Każakistan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel, l-inbejjed u l-ispiriti

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għal protokoll
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Każakistan
li jemenda l-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda,
u r-Repubblika tal-Każakistan, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi
għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel, l-inbejjed u l-ispirti**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikoli 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Każakistan, min-naħa l-oħra (l-“EPCA”)¹ ġie konkluż f’isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/244² u daħal fis-seħħ bis-sħiħ fl-1 ta’ Marzu 2020.
- (2) It-Titolu III (Kummerċ u Negożju) tal-EPCA, li jinkludi d-dispożizzjonijiet dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi, li ġie applikat b’mod proviżorju mill-1 ta’ Mejju 2016.
- (3) L-EPCA jobbliga lill-Partijiet jibdew negozjati bil-ħsieb li jikkonkludu ftehim dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fit-territorji rispettivi tagħhom mhux aktar tard minn seba’ snin wara d-data li fiha jibda japplika t-Titolu III tal-EPCA.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Każakistan li jemenda l-EPCA fir-rigward tal-protezzjoni ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, inbejjed u spirti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 29, 4.2.2016, p. 3.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/244 tal-20 ta’ Jannar 2020 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim Imsaħħaħ ta’ Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Każakistan, min-naħa l-oħra (ĠU L 52, 25.2.2020, p. 1).

Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li tiftaħ negozjati għal protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Każakstan li jemenda l-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħal-waħda, u r-Repubblika tal-Każakstan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, inbejjed u spirti.
2. In-negozjati għandhom jitwettqu abbażi tad-direttivi ta' negozjati tal-Kunsill li jinsabu fl-addendum għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

In-negozjati għandhom isiru b'konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
